MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1460/2001/1

**Salv Meli & Sons Limited; u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2008 l-atti ġew trasfużi f'isem Carmelo Meli Limited.**

**-vs-**

**Burdnara Group tal-General Workers Union; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2007 ġiet kjamata in kawża il-General Workers Union.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-20 ta' Awissu 2001 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Premess illi s-soċjeta' attrci jew l-intrapriża ilha taħdem fix-xogħol tat-trasport bħala burdnar għal dawn l-aħħar ħamsin sena; tinsab munita b'liċenzja maħruġa mill-Kontrollur tad-Dwana għal burdnar u mill-Employment & Training Corporation;

Premess illi l-fundatur ta' l-intrapriża Salvatore Meli kien fundatur tal-Burdnara Bulk Cargo fi ħdan il-General Workers Union kif ukoll *shop steward* ta' l-għaqda; din l-għaqda jew assoċjazzjoni hija ntiża u ġiet imwaqqfa sabiex iġġorr u tittrasporta *cement* u *bulk cargo* mill-port għal għand diversi klijenti f'Malta u mhux f'Għawdex;

Premess illi Salvatore Meli kien membru ta' dan il-grupp u Alfred u Carmelo Meli attwali azzjonisti u diretturi tas-soċjeta' Salvu Meli & Sons Limited li kienet akkwistat l-intrapriża u l-avvjament ta' Carmelo Meli għadhom sal-lum membri;

Premess illi fil-passat Salvu Meli kien regolarment jieħu xogħol tas-siment iżda s-soċjeta' Salvu Meli & Sons Limited qatt ma ngħatat xogħol ta' ġarr ta' siment, minkejja li talbet;

Premess illi fl-1987, is-soċjeta' Salvu Meli & Sons Limited ippreżentat ruħha għax-xogħol u qatt ma ngħatat xogħol minn dan il-grupp mingħajr ġustifikazzjoni u mingħajr rifjut formali u in konsegwenza ta' dan ir-rifjut mhux ġustifikat, is-soċjeta' attriċi qed issofri d-danni: dawn huma kkalkolati a bażi illi sitt vetturi li kienu mal-grupp tal-burdnara u stmat li kull vettura tagħmel ħamest elef lira xogħol, ekwivalenti għal tletin elf lira xogħol fis-sens u dan mis-sena 1987 'l hawn;

Premess illi dan in-nuqqas ikkawża danni kbar lis-soċjeta' attriċi u lill-atturi *proprio et nomine* li għandhom jiġu kwantifikati u likwidati minn din il-Qorti,

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi in konsegwenza ta' dan in-nuqqas tal-Burdnara Group, l-atturi *proprio et nomine* sofrew danni b'responsabbilta' tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni hekk ikkawżati;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk kawżati.

Bl-imgħax mill-1987 sal-lum u bir-riserva ta’ azzjoni ulterjuri premessa mil-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ppreżentata fis-27 ta’ Frar 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-eċċipjenti jeċċepixxu l-*lis alibi pendens ai termini* ta’ l-artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta peress li kif ser jiġi ppruvat diġa’ tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti fl-ismijiet “Carmelo Meli pro et noe –vs- Alfred Meli noe et” ċitazzjoni numru 3022/96GV li tinsab differita għall-1 ta’ Marzu, 2002. Allura l-kawża odjerna għandha tintbagħat quddiem l-istess Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia li tinsab differita għall-1 ta’ Marzu, 2002.

2. Illi fit-tieni lok, mingħajr ebda preġudizzju għas-sueccepit, fil-kawża odjerna għandhom japplikaw l-effetti ta’ l-artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta peress li jidher li aktar minn ċar li bejn il-kawża suċitata u dik odjerna hemm konnessjoni tas-suġġett u / jew id-deċiżjoni ta’ waħda tolqot id-deċiżjoni ta’ l-oħra. Għalhekk hemm lok li ż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien u dana għall-ekonomija kemm tal-ġudizzju u kif ukoll ta’ l-ispejjeż.

3. Illi l-isem Burdnara Group tal-General Workers Union ma jeżistix u fi kwalunkwe każ, anke jekk kellu jeżisti dan l-isem ma jimportax li huwa ente ġuridiku jew morali u kwindi ma għandu ebda personalita’ ġuridika biex joqgħod u jiddefendi kawża għax ma għandu ebda *standi judico* kwindi l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ attriċi.

4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-sueccepit, jekk is-soċjeta’ attriċi qegħda tirreferi għal grupp bl-isem ta’ Burdnara Bulk Cargo Group fi ħdan is-sezzjoni tal-

General Workers Union tal-port u trasport din ma timportax l-eżistenza ta' ente ġuridiku u kwindi ma jistax joqgħod fil-ġudizzju f'kawżi ta' din ix-xorta. Għalhekk in-nomenklatura adottata biex tindika lill-konvenuti ma għandha ebda *locus standi* għax hi ineżistenti u kwindi l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Illi *di piu'* 'l fuq imsemmi grupp in kwistjoni ma hux il-leġittimu kontradittur fil-kawża u dan peress li ma għandux jiġi konfuż mal-grupp ta' persuni raggruppati taħt l-isem Burdnara Bulk Cargo Group li jeżerċitaw is-sengħa tat-trasport tas-siment. Għalhekk l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

6. Illi jekk is-soċjeta' attriċi qegħda tirreferi għall-Burdnara Bulk Cargo Group li topera mill-fond bħala ditta fejn ġiet effettivament notifikata ċ-ċitazzjoni dan similment ma jimportax l-eżistenza ta' ente ġuridiku jew persuna ġuridika u kwindi ma jistax joqgħod fil-ġudizzju f'kawżi ta' din ix-xorta. Għalhekk in-nomenklatura adottata biex tindika lill-konvenuti ma għandha l-ebda *locus standi* għax hi ineżistenti għall-fini legali u kwindi l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

7. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-sueccepit, huwa insostenibbli li s-soċjeta' attriċi tippromwovi l-kawża odjerna u dan peress li *una volta* li ma hix u qatt ma tista' tkun membru tal-General Workers Union jew tat-taqsima ma jintitolahiex li tipparteċipa minn kwalunkwe skema li jibbenifikaw il-membri eċċipjenti fi ħdan it-taqsima sudetta jew bħala membri tal-grupp bl-isem Burdnara Bulk Cargo Group li jittrasportaw is-sement. Huma biss persuni fiżiċi li jistgħu jivvantaw dak li proprju qiegħed titlob is-soċjeta' attriċi kwindi ma hix il-legittimu attriċi u għalhekk anke hawn l-esponenti eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. Illi bla preġudizzju għas-sueccepit, *dato ma non concesso* li jiġu superati l-eċċezzjonijiet kollha preċedenti, is-soċjeta' attriċi naqset li titlob dikjarazzjoni fis-sens li s-soċjeta' attriċi hija ntitolata għal dak li qiegħda tiddomanda

fiċ-ċitazzjoni attriċi mingħand min hu obbligat li jagħtiha dan ix-xogħol, jekk jeżisti dan l-obbligu. Kwindi ċ-ċitazzjoni attriċi hija monka u defiċjenti fis-sostanza u għalhekk it-talbiet tagħha għandhom jiġu miċħuda.

9. Illi fi kwalunkwe kaz ix-xogħol għall-ġarr ta' siment u tqassim tiegħu jiddependi mill-Kumpanija Central Cement Ltd., l-importatriċi tal-prodott in kwistjoni, u dana konformament ma' dak li jiddisponi l-artikolu għaxra (10) tal-Att Dwar il-Liberalizzazzjoni u Trasport ta' Merkanzija (Att XXIX tal-1967), Kap. 203 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li tqassim tat-trasport tas-siment ma huwiex esklussivament f'idejn il-membri tal-Burdnara Bulk Cargo Group, kif donnha qiegħda tallega s-soċjeta' attriċi.

10. Illi Salvatore Meli qatt ma kien *shop steward* ta' dan il-Group fi ħdan il-General Workers Union. Illi *di piu'* l-imsemmija persuni u kull interess li seta' kellha s-soċjeta' attriċi llum ġew volontarjament rinunzjati u estinti minnhom li ilhom li telqu minn dan il-Group mis-sena 1974 u minn dak iż-zmien sal-lum qatt ma pparteċipaw fl-investiment li għamlu l-membri l-oħra fi ħdan dan il-Group. Għalhekk illum ma għandhom ebda dritt jitolbu dak li qegħdin jippretendu fiċ-ċitazzjoni odjerna.

11. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-sueccepit, *dato ma nono concesso* li jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha preċedenti, it-talba għad-danni mill-1987 sal-lum u ċioe' sa l-20 ta' Awissu 2001 hija palesament preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

12. Illi in vista ta' l-eċċezzjoni immedjatament preċedenti, jekk *dato ma non concesso* li hemm lok ta' akkoljiment għad-danni, dan għandu jkun limitat mill-20 ta' Awissu 1999 sa l-20 ta' Awissu 2001 u *di piu'* jrid jiġi ppruvat illi dawn id-danni ġew sofferti tenut kont mhux biss li s-soċjeta' attriċi ma sofrithomx, iżda li ma hux minnu li għandha sitt (6) vetturi iżda tlieta (3) u li għal dan is-snin kollha qatt ma kkontribwixxiet għal kull investiment li sar mill-imsieħba f'din is-sezzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-8 ta’ Marzu 2007 li permezz tiegħu ġiet imsejħa fil-kawża l-General Workers Union u n-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ta’ l-istess union li permezz tagħha eċċepew:

1. Preliminarjament illi, hekk kif diretti kontra l-Union eċċipjenti, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi, mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta’ attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-Union eċċipjenti ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta’ attriċi;

3. Illi, mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-Union eċċipjenti qdiet biss funzjoni sindakali, intiża biss biex itejjeb l-għixien u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fis-settur, u għalhekk tħarrket inutilment;

4. Illi, mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-Union esponenti ma tmexxi ebda negozju ta’ ġarr ta’ siment u lanqas tiġġestixxi l-Burdnara Bulk Cargo Group; isegwi li l-Union eċċipjenti la setgħet tagħti xogħol ta’ ġarr lis-soċjeta’ attriċi u lanqas iċċaħħadha minn tali xogħol u, għalhekk, it-talbiet tas-soċjeta’ attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi, mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, il-funzjoni sindakali eżerċitata mill-Union esponenti mhix passibbli għall-azzjoni proposta mis-soċjeta’ attriċi, in kwantu hija koperta bl-immunita’ legali *ai termini* tas-Sotto-Taqsima II, Taqsima I, Titolu II tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti, kif awtorizzata permezz tad-digriet tal-17 ta' Novembru 2008;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni ulterjuri msemmija;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti permezz ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri msemmija qed jeċċepixxu *res judicata* a bażi tas-sentenza ta' l-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **"Carmelo Meli proprio et nomine vs Alfred Meli nomine et"** deċiża fid-29 ta' Novembru 2004. Din il-kawża ġiet imsemmija ukoll fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet preċedenti iżda naturalment dak iż-żmien l-eċċezzjoni kienet dik ta' *lis alibi pendens* għaliex kienet għadha ma ġietx deċiża.

L-iskop tal-principju tar-*res judicata* hu evidenti u ċioe' li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwisiti wara proċess ġudizzjarju. Il-ġurisprudenza tagħna hija għanja f'dan ir-rigward u per eżempju l-Qorti qed tiċċita l-kawza **"Bugeja vs Azzopardi"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Ġunju 2001 li tiċċita diversi sentenzi oħra. Fost affarijet oħra per eżempju l-Qorti qalet;

*"L-ebda dispożizzjoni fil-liġi tagħna ma tagħti lok li titressaq ċitazzjoni sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Għalhekk din il-Qorti mhix se tisma' l-provi dwar x'kienet il-proċedura segwita f'kawża li għaddiet in ġudikat u li fiha ma ġiex utiliżżat ir-rimedju provdut mill-liġi sabiex tali sentenza tiġi attakkata.*

Fil-kawża **"Gerada vs Caruana"** msemmija mill-istess sentenza u li ġiet deċiża fl-1973 intqal:

*"L-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiż ma tiġix imfixkla u intralċjata billi fi kwalunkwe żmien u bla*

*ebda limiti l-parti li titlef kawża terġa' taqjjem kwistjonijiet rigward tagħha u terġa' tiftagħha."*

Fil-ftuħ tat-trattat tiegħu dwar dan l-istitut, Laurent jiċċita awtur ieħor Pothier li jgħid: *"L'autorita' della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur."*

Hu magħruf li r-rekwisiti biex l-eċċezzjoni tirnexxi huma tlieta u ċioe' l-identita' tal-persuni, tat-talba u ta' l-oġġett – *eadem personae, eadem res, eadem causa petendi.* Għalhekk kull eżami dwar din l-eċċezzjoni għandha bżonn ta' indaġini ta  dawn it-tlett fatturi.  F'din il-kawża hemm lok ta' diskussjoni dwar l-aħħar tnejn minn dawn it-tlett rekwisiti għaliex huwa ċar li l-partijiet huma l-istess, benke' fl-ewwel kawża s-soċjeta' attriċi hija rappreżentata minn Carmelo u Alfred Meli fil-waqt li l-grupp konvenut huwa rappreżentat minn Alfred Meli.

Huwa mportanti li jiġi eżaminat x'ġie deċiż f'dil-kawża għaliex kif irrimarkat din il-Qorti fil-kawża **"Maria Lourdes Cassar vs Carmelo Camilleri"** deċiża fil-25 ta' Frar 2009 il-Qorti ma tistax permezz ta' sentenza oħra f'kawża bejn l-istess partijiet tirrendi ineffikaċi sentenza preċedenti tal-Qorti li tkun għaddiet in ġudikat. Il-Qorti dakinhar iċċitat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Eugenio Borg vs Saverio Farrugia"** (31 ta' Marzu 1952 li qalet illi: *"Hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-mertu tal-kawża għalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess ħaġa jekk il-punt kontrovers ikun l-istess u hemm ġudikat implicitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tad-dispożizzjoni espressa għaliex il-volonta tal-ġudikanti tista' tittieħed anke mill-konsiderandi tas-sentenza."*

Fil-kawża in kwistjoni s-soċjeta' attriċi talbet illi *in kwantu tifforma parti mill-konvenuti għandhom dritt li jiġu trattati l-istess bħal membri l-oħra tal-konvenuti fis-sens  illi jingħata lilhom fuq l-istess kriterji bħal membri l-oħra sehem mix-xogħol tat-trasport tas-siment u li l-Qorti tordna lill-konvenuti illi jiddistribwixxu xogħol lill-atturi proprio et*

*nomine skond il-kriterji tal-konvenuti applikabbli għall-membri l-oħra.*

Il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi *l-premessa ta' l-atturi li huma tesserati regolari u mħallsa ta' l-union ma tirriżultax u għalhekk ma jistgħux li jippretendu li għandhom dritt li jiġu trattati bħala membri tas-sezzjoni u ta' l-union konvenuta.* Għalhekk il-Qorti illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

F'din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom id-danni minħabba li m'għaddewlhomx xogħol għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Jidher ben ċar anke mid-depożizzjoni ta' Carmelo Meli li s-soċjeta' attriċi qed tibbaża t-talba tagħha għaliex skond hi kellha tingħata x-xogħol bhal komponenti l-oħra tal-grupp tal-burdnara ċitat f'din l-istess kawża. Issa jekk il-Qorti fis-sentenza tal-2004 illiberat lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju għar-ragunijiet indikati huwa ukoll ċar li l-atturi qatt ma jistgħu jirnexxu f'din il-kawża, mingħajr ma l-Qorti tħassar l-effett ta' dik is-sentenza; xi ħaġa li kif ġia' ssemma', ma tistax issir mingħajr ma jiġi infrant il-prinċipju daqstant importanti tar-*res judicata*.

Huwa veru illi *l-eċċezzjoni tar-res judicata għandha tiġi ammessa b'ħafna ċirkospezzjoni* (**"Gerada vs Caruana"** - Qorti ta' l-Appell 7 ta' Marzu 1958 ) iżda fl-istess ħin l-istess sentenza tgħid *xi drabi jiġri illi d-deċiżjoni mhix interament fil-parti dispożittiva tagħha iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżoluta l-vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja tad-dispożittiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mad-dispożittiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat.*

Huwa minnu li normalment sentenza li tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju ma tikkostitwixxix *res judicata* għas-sempliċi raġuni li normalment f'ċirksotanzi bħal dawn ma jkunx ingħata ġudizzju fuq il-mertu tal-kawża iżda fil-każ in eżami jidher ċar li l-Qorti esprimiet il-ġudizzju li s-soċjeta' attriċi ma setgħetx tippretendi bid-dritt li tingħata x-xogħol. Kwindi kontinwazzjoni ta' **din** il-kawza jkun

inutili għaliex il-Qorti ma tistax tmur kontra dak li ġie ġia' deċiż.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, u tillibera lilhom u lill-imsejħa fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż jiġu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------